# Il-Prim Ministru jingħata pariri ħżiena biex nisfidaw lill-UE u lill-Qorti Ewropea

Huwa inkreddibli kif għal darba oħra l-kaċċaturi u n-nassaba se jingħataw aktar privileġġi fuq premessi kompletament żbaljati. Fil-jiem li għaddew kulħadd sema' kif meded kbar ta' art pubblika fil-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa ngħataw lill-kaċċaturi. L-aħħar darba li kien hemm attentat biex dan iseħħ kien f'Marzu 1986, 34 sena ilu, u dak iż-żmien il-Gvern kien sema' l-għaqdiet ambjentali. Issa, fi ftit jiem oħra l-Gvern se jiftaħ staġun tal-insib għall-għasafar tal-għana.

Din hija deċiżjoni żbaljata għal ħafna raġunijiet:

(1) Primarjament minħabba li fl-2018 Malta ġiet imwaqqfa milli tiftaħ staġun tal-insib mill-Qorti Ewropea.

(2) Fit-Trattat ta' Sħubija fl-Unjoni Ewropea (UE), Malta kienet qablet li l-insib għall-għasafar tal-għana jieqaf fl-2008. Fil-fatt hekk ġara.

(3) Però fl-2014 il-Gvern reġa' fetaħ l-istaġun u erba' snin biss wara nstab ħati mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li kiser id-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar.

F'konferenza tal-aħbarijiet quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Kastilja dalgħodu, uffiċjali ta' BirdLife Malta spjegaw kif is-sitwazzjoni attwali hija kompletament surreali, hekk kif f'dan l-istaġun il-Gvern bi sfida totali qiegħed juża l-iskuża li n-nassaba se jkunu qed jagħmlu studju xjentifiku. Din hija skuża fjakka u stupida: deċiżjoni xprunata minn kunsiderazzjonijiet purament elettorali. U dan meta n-numru ta' nassaba li jonsbu huwa insinjifikanti meta mqabbel mal-Maltin u l-Għawdxin kollha li jħaddnu l-ambjent ta' pajjiżna.

#onthemove
enjoy care protect

Hija farsa totali li ma titwemminx li n-nassaba huma mistennija li jitilqu l-għasafar kollha li se jinqabdu. Din hija daħka fil-wiċċ u jidher ċar li l-Prim Ministru Robert Abela ġie kompletament ingannat mill-Ministru Clint Camilleri li apparti li huwa nassab, jidher li huwa wkoll politiku li ma jimpurtahx minn dak li ksibna bħala pajjiż fuq medda ta' 20 sena fil-kamp ambjentali.

Il-Prim Ministru Robert Abela għandu jieħu nota li jekk jiftaħ dan l-istaġun tal-insib bl-iskuża fjakka ta' studju xjentifiku se jkun qiegħed jisfida lill-Unjoni Ewropea u lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja bil-konsegwenza li jerġa' jdaħħal lil pajjiżna l-Qorti Ewropea. Fuq kollox ghandu jifhem li dan hu pass ieħor biex inkomplu neqirdu l-ambjent Malti.

Infakkru li fl-2015, wara referendum nazzjonali dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa li fih ivvota l-poplu Malti – liema referendum m'għaddiex b'2,000 vot BISS – il-Prim Ministru Joseph Muscat kien wiegħed impenn biex l-ambjent naturali jitħares. Dan huwa l-istess gvern, bl-istess mandat. Mhux gvern differenti.

Min-naħa tagħha BirdLife Malta, bl-għajnuna ta' għaqdiet lokali u b'mod speċjali dawk internazzjonali, se tuża l-enerġiji kollha tagħha fl-istituzzjonijiet tal-Ewropa u dawk Maltin biex twaqqaf din id-deċiżjoni ardita u żbaljata b'kull mezz possibbli fl-interess ta' pajjiżna u l-poplu Malti li jrid ambjent aħjar f'dinja moderna li tħaddan prinċipji progressivi u mhux rigressivi.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-chVFah9XNn**
- Għażla ta' ritratti mill-konferenza stampa tal-lum u ritratti tal-insib

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-ZZpoH4kUaq**
- Filmati tal-insib għall-għasafar tal-għana